

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Rossi u A. Szmytkowska, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/214/UE, tat-2 ta' Mejju 2013, dwar l-esklużjoni mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nefqa mġarrba mill-Istati Membri skont it-Taqsima ta' Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG), skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 123, p. 11), sa fejn il-Kummissjoni tapplika fiha, għall-infiq iddikjarat mir-Repubblika tal-Polonja bħala appoġġ għall-azjendi ta' semi-sussistenza, il-korrezzjonijiet ta' EUR 8 292 783,94 u ta' EUR 71 610 559,39.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 7.9.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Diċembru 2015 – Tsujimoto vs UASI – Kenzo (KENZO ESTATE)

(Kawża T-414/13) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Trade mark verbali KENZO ESTATE — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti KENZO — Raġuni relattiva għal rifjut — Reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2016/C 027/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Kenzo Tsujimoto (Osaka, il-Ġappun) (rappreżentanti: A. Wenninger Lenz, W. von der Osten Sacken u M. Ring, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: M. Rajh u P. Bullock, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Kenzo (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-22 ta' Mejju 2013 (Każ R 333/2012-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kenzo u K. Tsujimoto.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kenzo Tsujimoto huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 304, 19.10.2013.